**KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

TAS-SLIEMA

**TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL**
**Triq Depiro,**
**Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA**

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

## LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 27

Is-seba u għoxrin laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 24 ta' Lulju 2014 fis-6.21pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUŻATI** | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Resurfacing Triq Sir Arturo Mercieca*
6. *Popolazzjoni tal-ħamiem f'Tas-Sliema*
7. *Embellishment Gnien Indipendenza*
8. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
9. *Aġġornament*

## 1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 26_11/06/2014.

1.2 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 4.5 u talab li ssir korrezzjoni fl-aħħar parti tas-sentenza li tgħid 'jekk għanda ssir kollaborazzjoni f'xi progett ma NGO lokali, din għanda ssir bi skop edukattiv'. *Korrezzjonijiet*

1.3 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-punt 5.14 u talab għal korrezzjoni għaliex il-*working group* huwa tal-'AKL' u mhux tal '*management committee*'. Qal ukoll li l-*management committee* ikun responsabbli tas-sistema filwaqt li l-Kunsill jibqa responsabbli bil-kuntatt li jkollu mal-Uffiċċjalui Awtorizzat.

1.4 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-punt 5.17 dwar l-ispray u qal li 'bħala studju ta' din il-proposta l-Kunsill se jitkellem ma' NGO's ta' *Animal Welfare*/Ambjent.

1.5 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għall-punt 5.23 fejn talbet korrezzjoni għaliex hi kienet qalet li 'Sliema Pitch kienu talbu għall-għajnuna għall-okkazjoni li kienu se jorganizzaw għall-bidu tal-istaġun'.

1.6 Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-minuti 26_11/06/2014 hekk kif korretti. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-1.4 dwar il-bollards ta' fuq fi Triq Bisazza. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li dawn ġew ordnati izda għadhom ma wasslux. Informa wkoll li r-rapport għadhom ma bagħtuhx u lanqas il-kwotazzjoni tal-bollards tan-naħa ta' isfel. *Bollards – Triq Bisazza*

2.2 Il-Viċi Sindku irrefera għall-punt 2.9 dwar Gnien Bonello Dupuis. Fakkar li hu kien issuġġerixxa Ingineer biex jesplora alternattivi għal ġenerazzjoni ta' dawl għat-tisqija. Fl-aħħar laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Onoreveli Bontempo ġiet diskussa l-pompa *għal reverse os mosis* u qalilna li nistgħu niltaqgħu ma ufficjali tal-Ministeru tal-Onorevoli Konrad Mizzi. Il-Kunsill kien iddiskuta li jrid jitnaqqas t-turf u nzidu *landscaping* alternattiv u naraw x'inhuma l-aħjar siġar li l-Kunsill jista jizra. *Gnien Bonello Dupuis*

*Daħal il-Kunsillier D. Muscat għas-seduta 18.38*

2.3 Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ sejħa għal kwotazzjoni għal 'Services for a Landscaping Artist' a bazi tar-rapport ta' Edwin Lanfranco.

2.4 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw issuġġeriet li l-Kunsill jirċievi l-kontijiet tad-dawl u ilma dwar Gnien Bonello Dupuis qabel ma tittieħed l-azzjoni għax forsi ma jiġux daqshekk għolja. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li din mhix kwistjoni tal-kontijiet biss. Il-Kunsill qabel li għandu jmexxi bil-proċess.

2.5 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li gew vandalizzati *sprinklers* mill-Gnien ta' Qui Si Sana. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill se jkun qiegħed iressaq il-*claim* tiegħu lil *Insurance*, filwaqt li ser jghamel rapport mal-Pulizija.

2.6 Il-Vici Sindku irrefera għall-punt 3.1 u qal li l-kuntrattur imqabbad mil-Kunsill għal xogħlijiet fit-toroq irid jaħdem aktar bil-galbu għaliex il-Kunsill irid ikun ta' ezempju lill-kuntratturi oħra. Huwa qal li kellu diversi ilmenti dwar il-mod kif qegħdin jaħdmu fit-toroq. Il-Kunsillier J. Pillow qal li jrid jagħmel xogħol ta' kwalita tajba wkoll. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li hu flimkien mas-Sindku diġa kellmu lill-kuntrattur dwar din l-materja filwaqt li fir-rigward tal-kwalita tax-xogħol wieġeb li l-Kunsill iħallas skont iċ-ċertifikazzjonijiet tal-perit tal-Kunsill u fejn kien hemm xogħol ħazin inqala. *Xogħlijiet fit-toroq*

2.7 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament numru 3.3 u saqsa jekk il-kuntrattur Philip Agius and Sons aċċettax id-deċizjoni tal-Kunsill li ma jħallasx it-*traffic maintenance aids*. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb fil-pozittiv.

2.8 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-punt 3.3 dwar il-pagamenti antiki tal-Alberta. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li dawn irċevejnihom mill-MTI u aċċetta li jinkludihom fl-iskeda tal-pagamenti wara li ċċertifika li l-ordnijiet kienu inħarġu mill-Kunsill tagħna.

2.9 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet dwar il-monument ta' Stella Maris jekk hux se jsir. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li iva sar il-ftehim. *Monument – Stella Maris*

2.10 Il-Kunsilliera M. Aquilina irreferiet għall-punt 4.2 dwar il-pubblikazzjoni tal-Kunsill dwar il-Banda Stella Maris u saqsiet jekk ġiex ippubblikat. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li le għaliex il-Kunsill fl-aħħar seduta kien approva li ma jaqbizx id-*direct order* ta' Ewro 1164. Wara li intbgħatet l-approvazzjoni lill-printer, il-printer avviċina lill-Kunsill lura għaliex il-prezz għola minħabba il-volum ta' paġni zdiedu għal madwar 360. Il-Kunsill ma setax ikompli bil-proċess minħabba li kien imur kontra d-deċizjoni tal-Kunsill u kontra l-proċeduri finanzjarji. Il-Kunsill qabel li jzomm ma l-istess deċizjoni li ma joħroġx iktar minn Ewro 1164. *Pubblikazzjoni ta' Stella Maris*

2.11 Is-Sindku irrefera għall-punt 5.1 dwar it-talba għall-imwejjed u s-siġġijiet fi Triq Bisazza u pprezenta pjanta kif kien mitlub mill-Kunsill fl-aħħar seduta. Il-Kunsillier J. Pillow qal li l-pjanta mhix waħda rejali għaliex ezempju hemm it-taraġ mhux inkluz fil-pjanta. Il-Vici Sindku issuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat l-perit tiegħu biex ikejjel fuq il-post. *Talba imwejjed u siggijiet – Triq Bisazza*

2.12 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li l-Kunsill għandu jkollu prinċipju. Il-Kunsillier M. Briguglio jaqbel għax il-Kunsill irid jimxi l-istess ma kulħadd. Il-Kunsillier P. Radmilli ssuġġerixxa li għandu jkun hemm *fence*. Is-Sindku qal li importanti li jibqa l-aċċess.

2.13 Il-Kunsillier J. Pillow insista li dawn għandhom jibgħatu pjanta rejali u fil-verita kemm joqgħodu mwejjed u siġġijiet. Il-Kunsillier D. Muscat qal li għandu jkun hemm uniformita għal kulħadd.

2.14 Il-Kunsilliera L. Casssar Shaw proponiet li l-Kunsill għandu jikkuntattja lill-applikant fejn jinforma li l-Kunsilliera jafu l-area u qegħdin jitlob pjanta kif suppost. Kien hemm qbil dwar dan.

2.15 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li jaqbel mal-imwejjed u s-siġġijiet u mhux li tkun Triq Bisazza kollha u jaqbel li tkun kontrollata.

2.16 Il-Vici Sindku saqsa dwar punt 5.16 dwar il-ħasil tal-bins. Il-Kunsill ġie infurmat li dan qiegħed isir. *Ħasil ta' bins*

2.17 Il-Kunsillier D. Muscat saqsa dwar l-Ambaxxatur tal-Lokalita lli kellu jkun prezenti fil-laqgħat tal-Kunsill. Is-Sindku għandu jerġa jikkuntattja lill-missieru.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI U TAL-KONTIJIET

3.1 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-laqgħa tal-Kunsilliera li ġiet organizzata mill-AKL fejn qal li għal din il-laqgħa kienu rreġistraw erbgħa Kunsilliera izda attendew tnejn biss mill-Kunsilliera. Il-Kunsillier P. Radmilli propona li jekk xi ħadd jirreġistra u ma jattendix, dan għandu jirrifondi l-ħlas lura sakemm ma tkunx raġuni ta' mard li tista tiġi ġustifikata permezz ta' ċertifikat. Il-Kunsill qabel. *Laqgħat - AKL*

3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv irrefera għall-pagamenti tal-M Quip Ltd fejn qal li l-pagament skont it-tender irid ssir f'erba darbiet. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kuntrattur għad fadallu jġib u jbiddel xi materjal ieħor. Il-Kunsillier J. Pillow qal li hu stess irranġa *galvanised poles* qabel il-ftuħ tal-*playing fields* għaliex ma kienux kif suppost. Il-Kunsilliera prezenti apprezzaw dan il-fatt. *Playing Fields*

3.3 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-pagament numru 49 pagabbli l-SRF. Il-Kunsill ġie infurmat li dan huwa servizz ta' knis zejjed skont l-addenda tal-kuntratt li kienet giet approvata mill-Kunsill ftit tax-xhur ilu. *Servizz ta' knis*

3.4 Il-Kunsill qabel li jrid jinforma lill-President tas-Sacro Cuor għaliex l-pots ta' fejn l-Square Deal, ix-Xatt, ma tpoġġewx fil-post li kienu wara l-festa. Il-Kunsillier J. Pillow qal li hemm bzonn ninfurmawhom ukoll għaliex kien hemm wisq dewmien ta' toroq magħluqin waqt l-armar tal-festa. Kien hemm qbil li dawn iridu jinfurmaw l-Kunsill minħabba permessi oħra. *Festa Sacro Cuor*

3.5 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li qiegħed ikollu diversi rapporti dwar il-*parker* li hemm fil-*carpark* tax-Xatt fejn qiegħed jitlob flus u l-attitudni tiegħu qegħda tkun negattiva. Kien hemm qbil li l-Kunsill jirraporta lit-TM. *Parker – Ix Xatt*

3.6 Kien hemm qbil li l-Kunsill jordna tabelli bil-ħinijiet tal-ftuħ tal-latrini publici. *Latrini Publiċi*

3.7 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekonda. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

4.1 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-mod kif qegħda tintuza l-bandla li saret għall-persuni b'dizablita fil-*playing fields* il-ġodda. Il-Kunsilliera qablu li għandha titpoġġa tabella minħabba sigurta għal tfal oħra. Il-Viċi Sindku *Tabella – Playing Fields*

propona li parti mit-tabella taqra hekk 'The Council will not accept responsibilty for injuries sustained through improper use of this swing'. Kien hemm qbil dwar dan.

4.2 Kien hemm qbil li fis-seduta li jmiss tiġi diskussa l-attivita SSAF minħabba li l-Kunsillier P. Portelli huwa skuzat f'din is-seduta. *ssaf*

4.3 Is-Sindku irrefera għall-laqgħa li saret tal-kumitat dwar it-tismija tat-toroq fl-24 ta' Lulju 2014. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li hu xtaq li jkun prezenti għal din il-laqgħa. Is-Sindku informa b'xi punti li ġew diskussi fosthom li: għandu jinstab mod ieħor kif persuni jistgħu jiġu rikonoxxuti, bħal ezempju plakka, monument/bust, siġar etc.,. Il-kumitat qabel li fejn hemm ismijiet b'identita jew fejn m'hemmx storja ezatta dawn l-ismijiet m'għandhomx jintmissu biex titkompla l-kontinwita storika tal-lokalita. Mandankollu l-kumitat qal ukoll li dawn huma punti suġġetti għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. *Tismija tat-toroq*

4.4 Il-Kunsill ma tantx qabel mal-punti msemmija tal-kumitat. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li hu jaqbel li l-Kunsill għandu jikkonsulta mar-residenti tat-triq li tiġi affetwata. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li hu ma jaqbilx li għandha tinbiddel isem ta' Pjazza għaliex Pjazza hija post principali ta' lokalita. Il-Kunsillier P. Radmilli propona li nsaqqsu lir-residenti ta' Triq Annunzjata (bejn Triq il-Kbira u Triq Castelleti) jekk jaqblux l-isem ta' din il-parti min Triq Annunzjata jinbiddel għas-Surmast. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsillier D. Muscat issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jikteb lill-kazin ta' Stella Maris ukoll.

4.5 Il-Kunsill qabel li għandu jibda bil-proċess għat Triq Annunzjata, wara l-Kunsill ikompli bi Triq is-Salvatur (għal J. Manduca), Sajjan Lane (għal Lino Grech) u Giovanni Felice flok Taormina area.

4.6 Il-Kunsill ġie aġġornat dwar il-laqgħa kordjali li saret mal-Ministru Buontempo fl-uffiċċju tal-Kunsill. Ġew diskussi diversi punti u l-Ministru se jkun qiegħed jistenna suġġerimenti min-naħa tal-Kunsill kif hu jista jgħin lill-Kunsill. Il-Kunsilliera jistgħu jibgħatu e-mail bil-proposti tagħhom lill-Kunsill u tintbgħat fi zmien stipulat mis-Segretarju Ezekuttiv. Fost punti oħra l-Kunsilliera V. Galea Pace qalet li l-Kunsill għandu jinkludi s-servizz tas-*Circular Bus*. Il-Kunsilliera ġew infurmati wkoll li waqt din il-laqgħa saret prezentazzjoni lill-istaff tal-Kunsill bħala rikonoxximent għas-snin ta' servizz fil-Kunsill Lokali. *Laqgħa mal-Ministru Bontempo*

## 5. RESURFACING TRIQ SIR ARTURO MERCIECA

5.1 Il-Viċi Sindku propona li x-xogħol f'din it-triq tittawal sa Triq it-Torri. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li l-istima ta' din it-triq bejn (Howard u Windsor) telgħet madwar Ewro 41,000 mingħajr il-bankini u xogħlijiet tal-ilma. Skont il-kalkoli jekk tittawal sa' Triq it-Torri tista tiġi kkalkulta bejn wieħed u ieħor li tigi id-doppju. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li għad fadal li l-Kunsill jirċievi kontijiet finalizati tax-xogħol li sar Triq Sant'Agatha u Madonna tas-Sacro Cuor. Il-Viċi Sindku propona li din tista tiġi approvata li ssir sa Triq it-Torri u mhux bilfors issir mill-ewwel u ssir jekk ikun hemm fondi u b'hekk l-Kunsill jimxi skont il-budget. Il-Kunsill qabel li dan il-punt jigi diskuss, ga la darba ikollna f'idejna il-kontijiet tat-toroq Sant'Agatha u Sacro Cuor.

5.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill se jkun qiegħed jiltaqa mal-kuntratturi involuti dwar il-mains tal-ilma.

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ġiet skuzata li titlaq mis-seduta 9pm*

5.3 Il-Kunsillier P. Radmilli propona li ssir laqgħa oħra mal-Finance Committee. Kien hemm qbil li din issir wara li jiġu mħallsa dawn it-toroq imsemmija hawn fuq.

## 6. POPOLAZZJONI TAL-ĦAMIEM F'TAS-SLIEMA

6.1 Il-Kunsill iddiskuta d-diversi possibilitajiet kif il-lokalita tista teħles mil-ħamiem minħabba li dak li prova l-Kunsill s'issa ma ħadimx. Il-Kunsill qabel li se jkellem lil *Animal Welfare* fuq din is-sitwazzjoni.

## 7. *EMBELLISHMENT* GNIEN INDIPENDENZA

7.1 Is-Sindku informa li l-Kunsill se jkollu madwar Ewro 64,000 u Ewro 20,000 mir-Reġjun Centrali. Il-Kunsill irid jutiliza dawn il-fondi fi proġett. Is-Sindku propona li dan il-proġett għandu jkun *embellishment* ta' Gnien Indipendenza li jinkludi: aktar dawl, manutenzjoni tal-*canopies*, latrini, l-ħitan etc., Il-Kunsill qabel ma dan il-proġett u għandu jqabbad espert biex jiġu miktuba *specifications* għal tender. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill jinkludi *outdoor gym* fin-naħa ta' Taormina.

## 8. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

8.1 Is-Sindku qal li kellu talba minn Giorgio's jekk jistgħux ikollhom skips mogħtija fix-Xatt. Il-Kunsill ma setax jaqbel minħabba l-*bye law* li għamel hu stess li f'Tas-Sliema ma jkunx hemm skips. It-talba ma gietx milqugħa. *Bye law skips*

*Il- Viċi Sindku ġie skuzat li jitlaq fid-21.28*

8.2 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar il-*Land Reclamation* tax-Xatt. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lid-Dipartiment jew Ministeru ikkonċernat biex jinfurmawna xi studji saru. *Land Reclamation*

8.3 Il-Kunsillier M. Briguglio informa li kellu talba li ssir *sleeping policeman* fi Triq Stella Maris. Il-Kunsilliera M. Aquilina fakkret li kull darba li l-Kunsill ipoġġi waħda dejjem ikolhom l-ilmenti biex titneħħa minħabba l-istorbju u ħadd ma jkun irida quddiem il-bieb tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob petizzjoni mir-residenti għal din it-talba. Il-Kunsill qabel ukoll li għandhom jiġu mizbugħa sinjali tat-toroq fil-madwar ta' Triq il-Kbira, kif ukoll fi Triq Dingli biex jiġi indikat l-isptar Capua. *Sleeping Policeman – Triq Stella Maris*

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Is-seduta ntemmet fl-21.52. Seduta oħra se ssir nhar it-Tnejn 25 ta' Awissu 2014 fis-6pm

Minuti approvati llum 25/08/2014

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**